Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru. 26/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Peter Paul Azzopardi ta’ 59 sena iben Joseph u Mary nee’ Borg, imwieled n-Nadur GHawdex nhar il-5 ta’ Novembru 1949, residenti fil-fond Azzopardi Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat Ghawdex u detentur tal-karta ta’l-identita’ 86449(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Peter Paul Azzopardi li gie akkuzat:

1. talli fis-26 ta' Mejju 2008 ghal habta ta' bejn id-disgha u nofs u l-ghaxra u nofs ta' fil-ghodu (9:30.a.m. – 10:30a.m.) u fix-xhur ta' qabel gewwa ir-Rabat, Ghawdex iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus iffalsifikat u cioe' iffalsifika jew mexxa biljett ta' mitt euro (€100) (Artikolu 45(1) ta'l-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta Kap.204).
2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus iffalsifikat, u cioe' kellu fil-pussess tieghu biljett tal-flus ta' mitt euro (€100) falsifikat (artikolu 46 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta Kap.204).
3. U aktar talli rrenda ruhu recediv wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Imhallef l-Onorevoli Dr. V. De Gaetano Ll.D, fil-Qorti ta'l-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Frar 2000, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali permezz tan-nota tar-rinviju tieghu tat-25 ta' Novembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri sehhew f'Mejju tas-sena 2008, meta Malta kienet ghada kemm dahlet fiz-zona ewro. L-imputat jidher li kien mar fl-ufficju tal-Awtorita dwar it-Trasport gewwa Ghawdex sabiex ihallas xi licenzji tal-vettura tieghu PPA888 fl-ammont ta' €1083.12. Huwa hallas dana l-ammont ta' flus fi flus kontanti fejn fost il-flus li huwa ghadda lill-iskrivana

Simone Cini kien hemm zewg karti tal-€100 il-wahda. Il-kumplament thallsu f'karti tal-€50 u l-ammont ta' €83.12 huwa hallashom mill-flus li kellu fil-kartiera tieghu. Meta imbaghad aktar tard fil-ghaxija l-flus kollha migbura matul dak il-jum gew iddepozitati l-bank minn Jane Spiteri Principal Officer f'dana d-Dipartiment, hija giet mgharrfa l-ghada fil-ghodu mill-manager tal-bank, precisament tal-Bank of Valletta Joseph Aquilina li fost il-flus li gew iddepozitati kien hemm karta tal-€100 falza. Illi l-istess Jane Spiteri issostni illi l-unici zewg karti tal-€100 li dahlu f'dik il-gurnata kienu dawk li ghaddielhom l-imputat. Sar rapport lil pulizija u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat. Illi l-karta tal-€100 falza giet mghoddija wkoll lill-pulizija minn Aquilina u cioe' mill-manager tal-bank u tinsab esebita fl-atti bhala Dokument AS1.

Illi l-imputat jichad illi huwa hallas b'xi karta ta' €100 falza. Isostni illi huwa hallas b'karta wahda ta' €100 u mhux tnejn. L-imputat li huwa sid ta' *supermarket* gewwa n-Nadur jistqarr illi dina l-karta hallas biha xi klijent tieghu u ghalhekk il-flus li jidhlu ikunu tajbin ghaliex jigu iccekkjati mill-haddiema tieghu bil-magna. Jichad ghalhekk illi l-karta tal-€100 li hallas biha kienet wahda falza.[1]

Min-naha taghha Simone Cini, l-iskrivana li rceviet il-hlas issostni illi l-flus li ghaddielha l-imputat kienu kollha f'pakkett fejn hija osservat illi l-flus kienu kollha mahmugin u qodma. F'dana l-pakkett issostni illi kien hemm zewg karti tal-€100 u mhux wahda, fejn wahda minnhom kellha qisha zewg tikek qishom sadid jew ticpis tal-kafe'. Matul il-gurnata hadd iktar ma hallas b'karti tal-€100. Fil-fatt l-istess Cini kkonfermat illi d-Dokument AS1 kien proprju l-karta tal-€100 li ghaddielha l-imputat precisament mid-dbabar li ssemmi kemm fid-dikjarazzjoni rilaxxjata minnha *a tempo vergine* lil pulizija kif ukoll meta tixhed quddiem il-Qorti.[2] Tibqa' ssostni illi l-unici karti tal-€100 li rceviet f'dak il-jum kien ghaddiehomlha l-imputat. Jane Spiteri min-naha taghha zzid tghid illi f'dik il-gurnata l-ebda kaxxiera

[1] Ara stqarrija ta'l-imputat a fol.33 u 3 Dokument FT1 u xhieda ta'l-imputat a fol.91 u 92
[2] Ara xhieda ta' Simone Cini a fols.54 u 55 u Dokument FT2 a fol.35

ohra ma rceviet karti tal-€100 u l-unici zewg karti li kellha ta' dina d-denominazzjoni kienet irceviethom appuntu Simone Cini minghand l-imputat.[3]

Illi finalment mir-rapport imhejji mill-espert nominat mill-Qorti Joseph Bonnici jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi din il-karta ta' €100 mertu ta' din il-kawza u esebita bhala Dokument AS1 hija fil-fatt karta tal-flus falza.[4] Huwa jikkonkludi illi l-falsita ta' dina l-karta tal-flus kienet wahda fácilment identifikabbli peress illi anke t-tip ta'karta mhijiex tal-istess kwalita' uzata fl-istampar tal-flus izda kienet karta ta' kwalita inferjuri.

Illi fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika d-disposizzjonijiet 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Bank Centrali. Illi interessanti d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw il-falsifikazzjoni tal-flus u c-cirkolazzjoni ta' flus foloz fil-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi filwaqt illi fil-kamp penali r-regola generali hija illi l-piz tal-prova hija fuq il-prosekuzzjoni u dana sabiex tipprova l-akkuzi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, meta wiehed jigi biex jitratta dawn it-tip ta' reati il-piz tal-prova taqa' fuq l-akkuzat u dana sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi huwa jew hija ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi l-flus ma kenux foloz.

Illi l-artikolu 45(1) jiddisponi testwalment:

**"Kull min jiffalsifika xi biljetti tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat, jista' jehel meta jinsab hati prigunerija ….Izda meta biljett tal-flus iffalsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fiz-zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kenitx taf li kien falsifikat, il-piena tigi ridotta ghal zmien …"**

L-artikolu 46 imbaghad ighid:

---

[3] Ara xhieda ta' Jane Spiteri a fol 51 et.seq.
[4] Ara rapport Dokument JB a fols. 77 et.seq.

**"Kull min minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircevi minghand xi persuna jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat, li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat, jehel meta jinsab hati …."**

Illi kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq l-imputat isostni illi l-karta tal-€100 li kellu f'idejh ma kenitx falza. Jghid illi dina x'aktarx giet fil-pussess tieghu meta hallas biha xi klijent fis-*supermarket* illi ghandu gewwa n-Nadur. Isostni madanakollu illi fil-hwienet huwa ghandu magni sabiex jivverifikaw il-flus u qatt ma ngibidlu l-attenzjoni ghall-fatt illi xi hadd hallas b'xi karta tal-flus falza. Dina hija l-unika spjegazzjoni li jaghti l-imputat. Spjegazzjoni illi l-Qorti tistqarr ma hijiex wahda konvincenti. Dana qed jinghad ghaliex huwa kemmxejn stramb kif l-imputat kellu fil-pussess tieghu dina l-karta ta' €100 meta kif diga nghad ma kienx ghadda wisq zmien minn meta Malta kienet dahlet fiz-zona ewro, iktar u iktar meta jsostni illi dina giet ghandu ghax xi hadd mar jixtri mis-*supermarket* tieghu u hallas biha. Inoltre kif isostni ben tajjeb l-abbli difensur tal-imputat fil-kors tat-trattazzjoni l-falzita hija wahda grossolana, falsita li facli hija identifikabbli minn bniedem normali. Allura jekk dana huwa minnu l-imputat seta' fácilment jinduna illi dina l-karta kienet differenti mill-karti l-ohra tal-€100 li kellu fil-pussess tieghu iktar u iktar meta wiehed iqis illi minn taht idejn l-imputat ighaddu diversi karti tal-flus peress illi huwa bin-negozju. Madanakollu dak illi dina l-Qorti tara kemmxejn stramb huwa kif dina il-karta tal-flus kienet tidher qadima u mahmuga u sahansitra anke kellha xi tbajja fuqha, tant illi Simone Cini l-impjegata li rceviet dina l-karta setghet fácilment tidentifikaha bhala l-istess wahda li ghaddielha l-imputat. Min-naha tieghu l-imputat ma jichadx illi d-Dokument AS1 ma kenitx il-karta tal-flus illi huwa ghadda lil Cini prova li kienet tinkombi fuqu tenut kont illi bil-ligi l-piz tal-prova hija mitfugha fuqu.

Illi finalment id-difiza ssostni illi f'dawn il-proceduri ma gewx osservati d-disposizzjonijiet tal-artikoli 556, 557 u 558 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-formalitajiet illi ghandhom jigu segwiti fil-kumpilazzjonijiet dwar il-

falsifikazzjonijiet ta' skritturi u dokumenti attakkati bhala foloz. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina l-linja difenzjonali. Illi r-reat dwar falsifikazzjoni ta' flus hija regolata b'ligi specjali u cioe' l-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta li jispecifika dak li ghandu jsehh meta tinstab munita falza jew karta tal-flus falza. Il-Qorti trid tosserva dak dispost f'dik il-ligi u xejn iktar. Id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati mid-difiza jirregolaw id-dokumenti "li ghandu x'jaqsam ma' reat" u cioe' "kull karta u kull haga materjali li tista' taghti informazzjoni, tifsir, jew prova ohra dwar ir-reat, jew dwar il-htija jew l-innocenza ta'l-imputat"[5]. Illi hawnhekk si tratta ta' flus foloz kif regolati mill-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ser issib htija fil-konfront tal-imputat ghall-ewwel imputazzjoni biss billi t-tieni imputazzjoni nghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk dina l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

Illi dwar l-akkuza ta' recidiva jirrizulta mid-Dokument B u cioe' il-fedina penali tal-imputat u anke mis-sentenza esebita bhala Dokument C a fol.15 et seq tal-process illi l-ahhar kundanna fil-konfront tal-imputat tirrisali ghas-sena 2000 u cioe' 'l fuq minn hames snin mill-kummissjoni ta' dana r-reat u kwindi ma hemmx l-applikazzjoni tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi hawnhekk si tratta ta' karta wahda tal-flus falza u illi l-imputat huwa bniedem anzjan u allura piena karcerarja effettiva certament ma hijiex idonja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni peress illi dina nghatat bhala akkuza alternattiva ghal-ewwel wahda, issibu hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza ai termini tal-artikolu 49 tal-

---

[5] Ara artikolu 558(1) u (2) tal-Kapitolu 9

Kap.9 biss u tikkundannah ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana l-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ mija u tlieta u tletin ewro (€133) in konnessjoni mad-drittijiet peritali.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-Dokument AS1 u ghal dana l-ghan tordna lir-Registratur tal-Qorti jghaddi dana d-dokument lil Joseph Bonnici, Manager Currency Issue Office fil-Bank Centrali ta’ Malta sabiex jiehu hsieb id-distruzzjoni tal-istess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------